# Is-Seba’ Forma tal-Verb Semitiku



www.maltikurja.com

# Qtil f'Ħal Warda

Ilbieraħ għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħaxija *nsterqu* għaxart elef ewro minn banka tal-lottu. Din is-serqa spiċċat fi traġedja meta sid il-banka, Pietru Borg, *inqatel* kiesaħ u biered fuq il-post. Qed *jingħad* li l-isparatura *nstemgħet* mir-residenti tal-inħawi u dawn *inħarġu* minn djarhom bil-biża' u fl-istess ħin b'kurżità biex jaraw x'ġara. *Intqal* li l-ħalliel ma laħaqx ħarab u pprova *jinħeba* fil-banka stess li naturalment ma tantx kellu fejn. Il-ħalliel *instab* mill-pulizija ggranfat mat-travu tas-saqaf u dawn malajr ħasbu li dan il-povru ħalliel ħa l-idea minn xi film tal-azzjoni. L-investigazzjoni turi li Pietru, malli ra l-ħalliel, *inħasad* tant li qanqal lill-ħalliel biex itih daqqa ta' ponn. Spiċċa *ntrabat* mill-ħalliel u *nqeda* bl-arma mingħajr liċenzja biex sparalu. Il-qattiel *inqabad* mill-pulizija u *ngħalaq* fiċ-ċella minnufih.

Il-verbi tas-VII Forma jitnisslu mill-verbi tal-1 Forma bl-għajnuna tal-preformattiva ( ***n*** ).

Eż : firex = ***n***firex;  ħasel = ***n***ħasel.

Xi drabi flok ( *n* ) inżidu ( ***nt*** ). Dan jiġri:

quddiem verbi li jibdew b'( *w* )
Eż : wiżen = ***nt***iżen

quddiem verbi li jibdew b'( *l* ), ( *m* ), ( *r* )
Eż : lewa = ***nt***lewa; rifes = ***nt***rifes.

Quddiem verbi li jibdew b'( *għ* )
Eż : għoġob = ***nt***għoġob,

u xi drabi b'( *h* ), u ( *q* ) Eż : qal = ***nt***qal

www.maltikurja.com

Xi verbi l-aktar dawk li jibdew bl-ittri ( *s* ) jew ( x ) jieħdu ( *n* ) qabilhom u ( *t* ) warajhom.

Eż : sab = ***n*** s ***t*** ab ; xamm = ***n*** x ***t*** a m m

# Il-vokali tal-leħen ( *i* )

Tintuża fl-Imperfett ukoll.

Eż : nħeba = n**i**nħeba; t**i**nħeba; j**i**nħeba eċċ…

Innota kif il-verb "**nħasel**" fis-7 Forma jikkonjuga ruħu fl-Imperfett u fil-Perfett.

## Imperfett

| | |
|---|---|
| Jien | ninħasel |
| Int | tinħasel |
| Hu | jinħasel |
| Hi | tinħasel |
| Aħna | ninħaslu |
| Intom | tinħaslu |
| Huma | jinħaslu |

## Perfett

| | |
|---|---|
| Jien | inħsilt |
| Int | inħsilt |
| Hu | nħasel |
| Hi | nħaslet |
| Aħna | nħsilna |
| Intom | inħsiltu |
| Huma | nħaslu |